

*Rikorrent fil-kawża T-318/18:* Amazon EU Sàrl (Lussemburgu, Lussemburgu), Amazon.com, Inc. (Seattle, Washington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Paemen, M. Petite u A. Tombiński, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti fil-kawża T-816/17: P. Stancanelli, P.-J. Loewenthal u F. Tomat, aġenti, assistit minn M. Chammas, avukat, u, fil-kawża T-318/18: P.-J. Loewenthal u F. Tomat, aġenti)

*Intervenjent insostenn tar-rikorrent fil-Kawża T-816/17:* L-Irlanda (rappreżentanti: J. Quaney u A. Joyce, aġenti, assistit minn P. Gallagher, SC, B. Doherty, barrister, u S. Kingston, SC)

### Suġġett

Talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/859 tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.38944 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata mil-Lussemburgu għal Amazon (ĠU 2018, L 153, p. 1).

### Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-816/17 u T-318/18 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- 2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/859 tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.38944 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata mil-Lussemburgu għal Amazon, hija annullata.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, minn Amazon.com, Inc. u minn Amazon EU Sàrl.
- 4) L-Irlanda għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 72, 26.2.2018.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2021 – Deutsche Lufthansa vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-218/18) (<sup>1</sup>)

*(“Għajnuna mill-Istat – Settur tal-ajru – Għajnuna operattiva mogħtija mill- Ġermanja lill-ajruport ta' Frankfurt-Hahn – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Rikors għal annullament – Kwalità ta' parti interessata – Salvagwardja tad-drittijiet proċedurali – Ammissibbiltà – Linji gwida dwar l-għajnuna lill-avjazzjoni – Dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern – Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2015/1589 – Diffikultajiet serji”)*

(2021/C 263/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrent:* Deutsche Lufthansa AG (Cologne, Ġermanja) (rappreżentanti: A. Martin-Ehlers, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Hermann, T. Maxian Rusche u S. Noë, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller, R. Kanitz, S. Heimerl u S. Costanzo, aġenti), Land Rheinland-Pfalz (il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. van der Hout u C. Wagner, avukati)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 5289 final, tal-31 ta' Lulju 2017, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.47969 (2017/N), implimentata mill-Ġermanja li tirrigwarda għajnuna operattiva mill-Istat mogħtija mill-ajruport ta' Frankfurt-Hahn.

### Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 5289 final, tal-31 ta' Lulju 2017, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.47969 (2017/N), implimentata mill-Ġermanja li tirrigwarda għajnuna operattiva mill-Istat mogħtija mill-ajruport ta' Frankfurt-Hahn, hija annullata.

- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż ta' Deutsche Lufthansa AG.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Land Rheinland-Pfalz għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 190, 4.6.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2021 – China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-254/18) (<sup>1</sup>)

*(“Dumping – Importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina – Dritt antidumping definittiv – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Assoċjazzjoni – Locus standi – Interess ġuridiku – Determinazzjoni tad-dannu – Kalkolu tal-volum ta’ importazzjonijiet – Indikaturi makro ekonomiċi u mikro ekonomiċi – Teħid ta’ kampjuni – Kalkolu tal-ispiża tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni – Prezzijiet iffatturati intra-azjendali – Rabta kawżali – Analiżi ta’ imputazzjoni u ta’ nuqqas ta’ imputazzjoni – Nuqqas ta’ analiżi tad-dannu għal kull segment – Evalwazzjoni tal-importanza tat-twaqqiġ tal-prezz – Trattament kunfidenzjali ta’ informazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Il-metodu NKP b’NKP – Paragun tal-prodotti – Kalkolu tal-valur normali – Pajjiż analogu – L-aġġustament għall-VAT – Determinazzjoni tal-ispejjeż tal-bejgħ, spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi kif ukoll tal-profitti”)*

(2021/C 263/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (Beijing, iċ-Ċina) u d-9 rikorrenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-anness għas-sentenza (rappreżentanti: R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u P. Němečková, aġenti)

**Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:** EJ Picardie (Saint-Crépin-Ibouville, Franza) u s-7 intervenjenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-anness għas-sentenza (rappreżentanti: U. O’Dwyer, B. O’Connor, solicitors, u M. Hommé, avukat)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 tad-29 ta’ Jannar 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b’mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fl-Indja (ĠU 2018, L 25, p. 6) sa fejn jikkonċerna r-rikorrenti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidhru fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 211, 18.6.2018.